



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/807 tat-13 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni ta' materja prima b'riskju għoli ta' tiddil indirett fl-użu tal-art li għalha qed tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju u ċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' tiddil indirett fl-użu tal-art** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/808 tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq** 8

DEĊIŻJONIJIET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/809 tat-13 ta' Mejju 2019 li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni** 10
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/810 tat-13 ta' Mejju 2019 li taħtar membru, propost mir-Renju tal-Iżvezja, fil-Kumitat tar-Reġjuni** 11
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/811 tat-13 ta' Mejju 2019 li taħtar membru, propost mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni** 12
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/812 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC), u l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini, u li tħassar id-Deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fl-IATTC** 13
- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/813 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fir-rigward tal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995** 19

- ★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/814 tas-17 ta' Mejju 2019 li tawtorizza lill-Italja tapplika, f'żoni ġeografiċi determinati, rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq il-gaġoġl u l-gass likwifikat miż-żejt użati għal skopijiet ta' tisħin f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE** 20
-

Rettifika

- ★ **Rettifika tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Zoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel (ĠU L 325, 12.12.2003) (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Volum 41, p. 328)** 23

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/807

tat-13 ta' Marzu 2019

li jissupplimenta d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tad-determinazzjoni ta' materja prima b'riskju għoli ta' tiddil indirett fl-użu tal-art li għaliha qed tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju u ċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' tiddil indirett fl-użu tal-art

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ⁽¹⁾, u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 26(2) tagħha,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi indirizzata l-kwistjoni tat-tiddil indirett fl-użu tal-art ("ILUC"), id-Direttiva (UE) 2018/2001 tirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta att delegat biex jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-kriterji għad-determinazzjoni tal-materja prima b'riskju għoli ta' ILUC li għaliha tkun osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju, u għaċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' ILUC. Jenħtieġ li tali dispożizzjonijiet jakkumpanjaw lir-rapport dwar l-istatus tal-espansjoni tal-produzzjoni dinjija tal-materja prima rilevanti ("ir-rapport dwar l-espansjoni tal-materja prima"), ippreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'din id-data.
- (2) L-ILUC jista' jseħħ meta art li qabel kienet iddedikata għall-produzzjoni tal-ikel jew tal-għalf tiġi kkonvertita biex tipproduċi l-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa. F'dak il-każ, id-domanda għall-ikel u għall-għalf xorta trid tiġi ssodisfata, u dan jista' jwassal għall-estensjoni tal-art agrikola f'żoni b'ħażna kbira ta' karbonju bħal foresti, artijiet mistagħdra u torbieri, li tikkawża emissjonijiet addizzjonali ta' gassijiet b'effett ta' serra.
- (3) Il-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-gassijiet b'effett ta' serra stabbiliti kemm fid-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ kif ukoll fid-Direttiva (UE) 2018/2001 ma jqsux l-emissjonijiet tal-ILUC.
- (4) Id-Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ mhux biss irrikonoxxiet l-eżistenza tal-emissjonijiet ILUC, iżda rrikonoxxiet ukoll, minkejja l-inċertezza fil-kalkolu tagħhom, li l-kwantità tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra b'rabta mal-ILUC tista' twassal għat-tixjin tal-iffrankar kollu jew xi f'tit mill-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra tal-bijokarburanti individwali, kif definit f'dik id-Direttiva, u tal-bijolikwidi. Għalhekk, introduċiet limitu ġenerali għall-kwantità ta' daww il-karburanti prodotti mill-għelejjel taċ-ċereali u minn għelejjel oħra b'kontenut għoli ta' lamtu, mill-għelejjel taż-zokkor u taż-żejt u mill-għelejjel

⁽¹⁾ ĠUL 328, 21.12.2018, p. 82.

⁽²⁾ Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠUL 140, 5.6.2009, p. 16).

⁽³⁾ Id-Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠUL 239, 15.9.2015, p. 1).

imkabba bħala għelejjel ewlenin primarjament għal skopijiet ta' enerġija fuq art agrikola li tista' tingħadd biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fid-Direttiva 2009/28/KE. Dak il-limitu jikkonsisti f'kontribuzzjoni massima ta' 7 % ta' tali karburanti għall-konsum finali ta' enerġija fit-trasport bil-ferrovija u bit-triq f'kull Stat Membru.

- (5) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 żżomm il-limitazzjoni fuq il-bijokarburanti u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-għelejjel tal-ikel u tal-għalf ikkunsmati fit-trasport u ssaħħaha billi tintroduċi limiti nazzjonali speċifiċi għall-kontribuzzjoni totali ta' dawn il-karburanti lejn il-mira tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni għall-2030. Dawk il-limiti huma determinati mis-sehem nazzjonali tal-2020 ta' dawk il-karburanti fil-konsum finali tal-enerġija fit-trasport bil-ferrovija u bit-triq f'kull Stat Membru, bil-possibbiltà li jżiduhom b'punt wieħed perċentwali, sa massimu ta' 7 %.
- (6) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tappella wkoll għal limitu speċifiku għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-għelejjel tal-ikel u tal-għalf b'riskju għoli ta' ILUC u li għalihom qed tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni tal-materja prima tagħhom f'art b'ħażna kbira ta' karbonju, fuq l-ammont tal-konsum tagħhom f'kull Stat Membru fl-2019. Mill-31 ta' Diċembru 2023, jenħtieġ li l-kontribuzzjoni tagħhom tinnaqqas b'mod gradwali sa 0 % sa mhux aktar tard mill-2030.
- (7) Filwaqt li huwa rikonoxxut b'mod ġenerali li hemm riskji li jirriżultaw minn ILUC relatat mal-użu ta' għelejjel tal-ikel u l-għalf għall-produzzjoni ta' karburanti, il-letteratura xjentifika turi li l-livell tal-emissjonijiet ILUC jiddependi minn varjetà ta' fatturi, inkluż it-tip ta' materja prima użata għall-produzzjoni ta' karburanti rinnovabbli, il-livell ta' domanda addizzjonali għal materja prima kkawżata mill-użu ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa, u sa liema punt l-art b'ħażna b'livell għoli ta' karbonju hija protetta madwar id-dinja.
- (8) Il-letteratura xjentifika turi wkoll li l-impatt tal-ILUC fuq il-potenzjal tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa li jiksbu l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra huwa partikolarment evidenti għall-għelejjel taż-żejt. Għalhekk, b'mod ġenerali, il-karburanti rinnovabbli magħmula minn materja prima bħal din huma meqjusa li għandhom riskju oġhla ta' ILUC. Dan huwa rifless fil-Parti A tal-Anness VIII, kemm tad-Direttiva 2009/28/KE kif ukoll tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Ir-rapport dwar l-espansjoni tal-materja prima agrikola, li jirrifletti l-aktar *data* xjentifika reċenti disponibbli dwar l-espansjoni madwar id-dinja taż-żona tal-produzzjoni tal-għelejjel tal-ikel u l-għalf tar-raba' b'ħażna kbira ta' karbonju, jikkonferma li dawn l-għelejjel huma wkoll responsabbli għall-maġġoranza kbira tal-espansjoni madwar id-dinja kollha taż-żona tal-produzzjoni tal-għelejjel tal-ikel u l-għalf f'art b'ħażna b'livell għoli ta' karbonju.
- (9) Ir-rapport dwar l-espansjoni tal-materja prima jenfasizza wkoll li l-impatt tal-espansjoni taż-żona tal-produzzjoni tal-għelejjel taż-żejt f'art b'ħażna kbira ta' karbonju fuq il-potenzjal tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa li jiksbu l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jiddependi fuq diversi fatturi. Fost dawn, id-daqs assolut u relattiv tal-espansjoni tal-art minn sena ta' referenza speċifika meta mqabbel mal-erja tal-produzzjoni totali tal-għalla rilevanti, is-sehem ta' din l-espansjoni f'art b'ħażna b'livell għoli ta' karbonju kif ukoll it-tip ta' żona ta' stokk b'livell għoli ta' karbonju, għandhom rwol kruċjali fid-determinazzjoni tas-sinifikanza ta' tali espansjoni għall-finijiet tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Għalhekk jenħtieġ li dawn il-fatturi, kif ukoll il-fatturi speċifiċi tal-produttività għal kull grupp ta' għelejjel, jitqiesu meta jiġu stabbiliti l-kriterji għad-determinazzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa b'riskju għoli ta' ILUC prodotti minn għelejjel tal-ikel jew tal-għalf li għalihom tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona tal-produzzjoni f'art b'ħażna kbira tal-karbonju.
- (10) Jekk jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, inklużi l-informazzjoni u l-istudji xjentifiċi kollha, id-differenzi bejn id-diversi materji primi, in-natura globali tas-swieq tal-komoditajiet differenti u l-mod li bih jiffunzjonaw, ir-riskju relatat ta' effetti mhux intenzjonati jew kontroproduktivni ta' devjazzjoni jew diverżjoni, id-disponibbiltà relattiva tad-*data* kompleta, u r-reviżjoni perijodika u frekwenti ta' dik id-*data*, kif ukoll l-obbligi internazzjonali rilevanti tal-Unjoni Ewropea, l-aktar metodoloġija xierqa, oġġettiva u imparzjali f'dan l-istadju tal-proċess hija meqjusa bħala waħda bbażata fuq il-pożizzjoni dinjija ġenerali fir-rigward ta' kull materja prima partikolari, milli approċċ li jiddiskrimina bejn il-pajjiżi partikolari. Dan jirrappreżenta l-aħjar approċċ regolatorju possibbli li jqis l-obġettivi kompetittivi iżda komplementari ta' dan ir-regolament. Approċċ bħal dan ikompli jiġi bbalanċjat iktar mill-possibbiltà ta' ċertifikazzjoni ta' riskju baxx ta' ILUC.
- (11) Skont l-Artikolu 26(2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, l-Istati Membri huma meħtieġa japplikaw il-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament għad-determinazzjoni tal-materja prima b' riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art li għaliha qed tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona tal-produzzjoni f'art b'ħażna b'livell għoli ta' karbonju.

Jenħtieġ li jagħmlu dan abbażi tal-informazzjoni inkluża f'anness, li trid tiġi riveduta skont dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tirreżamina b'mod regolari r-rapport dwar l-espansjoni tal-materja prima, biex tqis iċ-ċirkostanzi li qed jevolvu u l-aħħar evidenza xjentifika disponibbli. Jenħtieġ li l-Anness jiġi emendat fejn xieraq.

- (12) F'ċerti ċirkostanzi, l-impatti tal-ILUC tal-bijokarburanti, tal-bijolikwidi u tal-karburanti mill-bijomassa ġeneralment meqjusa li għandhom riskju għoli tal-ILUC, jistgħu jiġu evitati, u l-kultivazzjoni tal-materja prima relatata tista' saħansitra tkun ta' benefiċċju għaż-żoni ta' produzzjoni rilevanti. Għal tali każijiet, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji li jippermettu l-identifikazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni tal-karburanti bħala bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' ILUC. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi jew il-karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' ILUC iċċertifikati jenħtieġ li jiġu eżentati mil-limitu u t-tnaqqis gradwali stabbilit għal bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju għoli ta' ILUC prodotti minn għejejjel tal-ikel u tal-għalf, diment li dawn jissodisfaw il-kriterji rilevanti ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.
- (13) Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi jew il-karburanti mill-bijomassa jenħtieġ li jitqiesu bħala karburanti b'riskju baxx ta' ILUC jekk il-materja prima użata għall-produzzjoni tagħhom tiġi kkultivata b'riżultat tal-applikazzjoni ta' miżuri verifikabbli kif xieraq biex tiżdied il-produttività lil hinn miż-żidiet li jkunu diġà nkisbu f'xenarju normali. Barra minn hekk, dawn il-miżuri jenħtieġ li jiżguraw is-sostenibbiltà tal-materja prima fid-dawl tar-rekwiżiti kollha stabbiliti fid-Direttiva 2009/28/KE jew id-Direttiva (UE) 2018/2001 b'rabta mal-miri tal-enerġija rinnovabbli.
- (14) Bħala garanzija ulterjuri tal-effetti pożittivi taċ-ċertifikazzjoni ta' riskju baxx ta' ILUC, il-materja prima addizzjonali li għandha tintuża għall-karburanti b'riskju baxx ta' ILUC jenħtieġ li titqies biss jekk tirriżulta minn kategorija limitata ta' miżuri. B'mod partikolari, jenħtieġ li jitqiesu biss il-miżuri biss li jkunu finanzjarjament attraenti minħabba li jippermettu l-akkwist tal-primjum finanzjarju li jirriżulta minn din iċ-ċertifikazzjoni, b'analoġija mal-kriterji finanzjarji ta' addizzjonalità applikati taħt il-Mekkaniżmu għall-Iżvilupp Nadif tal-Protokoll ta' Kjoto.
- (15) Barra minn hekk, jixraq li ma jiġix applikat il-kriterju ta' addizzjonalità finanzjarja lill-materja prima addizzjonali kkultivata fuq art abbandunata jew li ddeterjorat b'mod gravi jew minn detenturi indipendenti ta' azjendi agrikoli zġhar. Tabilħaqq dan jammonta għal piż amministrattiv mhux raġonevoli fid-dawl tal-potenzjal sinifikanti għal titjib fil-produttività u l-ostakli biex jiġu ffinanzjati l-investimenti meħtieġ. Għalhekk, jenħtieġ li l-miżuri meħuda fuq art abbandunata jew li ddeterjorat b'mod gravi jew minn detenturi indipendenti ta' azjendi agrikoli zġhar jiġu eżentati milli jippruvaw il-konformità mal-kriterji ta' addizzjonalità finanzjarja, mingħajr preġudizzju għar-rekwiżit li tiġi prodotta materja prima addizzjonali u li jkun hemm konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà. Fid-dawl tal-ħidma ta' statistika mwettqa f'diversi analiżijiet, inkluża l-istampa tad-*data* tal-FAO għal bdiewa b'azjenda agrikola zġhira, jenħtieġ li azjendi ta' inqas minn żewġ ettari jkunu kkunsidrati bħala zġhar f'dan il-kuntest.
- (16) Jenħtieġ li jiġu kkunsidrati biss iż-żidiet attwali fil-produttività fi proġetti eżistenti jew ġodda li jirriżultaw minn miżuri li għandhom l-għan li jiksbu rendiment addizzjonali. Għalhekk, jenħtieġ li l-perjodu taċ-ċertifikazzjoni jkun limitat għal żmien u ambitu raġonevoli li jippermettu l-amortizzazzjoni sħiħa tal-investment rilevanti u l-eżistenza ta' proċeduri robusti biex tiġi mmonitorjata l-effettività taċ-ċertifikazzjoni.
- (17) Sabiex jiġi żġurat proċess taċ-ċertifikazzjoni bla xkiel għal bijokarburanti, bijolikwidi jew karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' ILUC, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jiddependu fuq regoli taċ-ċertifikazzjoni affidabbli u robusti. Dawn ir-regoli jenħtieġ li jqisu r-rwol ta' skemi volontarji nazzjonali jew internazzjonali f'konformità mat-test riformolat tal-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, li saħħa ir-robustezza tal-verifika li għandhom il-kompitu li għandhom iwettqu fir-rigward tad-dispożizzjonijiet korrispondenti stipulati fid-Direttiva 2009/28/KE. Minbarra l-iskemi nazzjonali rikonoxxuti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 30(6) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, l-iskemi volontarji jistgħu jiċċertifikaw il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx tal-ILUC kif jagħmlu biex jiċċertifikaw il-konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.
- (18) Sabiex jiġi żġurat li l-informazzjoni pprovduta mill-operaturi ekonomiċi tkun trasparenti, preċiża, affidabbli u protetta kontra l-frodi, jenħtieġ li jiġu introdotti regoli globali dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-bijokarburanti, tal-bijolikwidi jew tal-karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art li jipprevedu standard adegwat ta' awditjar indipendenti tal-pretensjonijiet imressqa mill-operaturi ekonomiċi, Dawn ir-regoli, inkluż dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-gruppi, jistgħu jiġu speċifikati u armonizzati aktar bis-saħħa tal-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 30(8) tad-Direttiva (UE) 2018/2001,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kriterji għad-determinazzjoni tal-materja prima b'riskju għoli ta' ILUC li għaliha qed tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona tal-produzzjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju, u għaċ-ċertifikazzjoni tal-bijokarburanti, tal-bijolikwidi u tal-karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' ILUC.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "għelejjel taż-żejt" tfisser għelejjel tal-ikel u tal-għalf, bħal żerriegħa tal-kolza, tal-palm, tal-fażola tas-sojja u tal-ġirasol, li ma jkunux għelejjel b'kontenut rikk ta' lamtu u għelejjel taz-zokkor, li normalment jintużaw bħala materja prima għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa;
- (2) "art mhux użata" tfisser żoni li, għal perjodu konsekuttiv ta' mill-inqas ħames snin qabel il-bidu tal-kultivazzjoni tal-materja prima agrikola użata għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa, la kienu użati għall-kultivazzjoni ta' għelejjel tal-ikel u tal-għalf, la ta' għelejjel oħra tal-enerġija u lanqas għal kwalunkwe ammont sostanzjali ta' foraġġ għall-annimali li jirgħu;
- (3) "art abbandunata" tfisser art mhux użata, li fil-passat intużat għall-kultivazzjoni ta' għelejjel tal-ikel u tal-għalf iżda fejn il-kultivazzjoni tal-għelejjel tal-ikel u tal-għalf twaqqfet minħabba restrizzjonijiet bijofiżiċi jew soċjoekonomiċi;
- (4) "art li ddeterjorat b'mod gravi" tfisser art kif definita fil-punt 9 tal-Anness V, il-parti C, tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (5) "miżura ta' addizzjonalità" tfisser kwalunkwe titjib fil-prattiki agrikoli li jwassal, b'mod sostenibbli, għal żieda fir-rendiment tal-għelejjel tal-ikel u tal-għalf fuq art li diġà tintuża għall-kultivazzjoni tal-ikel u tal-għelejjel tal-għalf; u kwalunkwe azzjoni li tippermetti l-kultivazzjoni ta' għelejjel tal-ikel u tal-għalf fuq art mhux użata, inkluż art abbandunata, għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa;
- (6) "materja prima addizzjonali" tfisser l-ammont addizzjonali ta' għelejjel tal-ikel u tal-għalf prodotti f'żona delineata b'mod ċar meta mqabbel mal-valur bażi dinamiku tar-rendiment u li jkun ir-riżultat dirett tal-applikazzjoni ta' miżura ta' addizzjonalità.
- (7) "valur bażi dinamiku tal-produzzjoni" tfisser ir-rendiment medju miż-żona delineata fejn tkun ittieħdet miżura ta' addizzjonalità, ikkalkulat matul il-perjodu ta' tliet snin immedjatament qabel is-sena tal-applikazzjoni ta' tali miżura, b'kunsiderazzjoni taż-żieda medja fir-rendiment osservata għal dik il-materja prima matul id-deċennju preċedenti u l-kurvi tar-rendiment matul il-ħajja f'każ ta' għelejjel permanenti, għajr il-fluttwazzjonijiet fir-rendiment;
- (8) "art b'ħażna kbira ta' karbonju" tfisser artijiet mistagħdra, inklużi torbieri, u żoni kontinwament afforestati fis-sens tal-Artikolu 29(4)(a), (b) u (c) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (9) "bdiewa b'azjenda agrikola żgħira" tfisser bdiewa li jwettqu attività agrikola b'mod indipendenti f'azjenda agrikola b'erja agrikola ta' inqas minn żewġ ettari, li jkollhom is-sjeda tagħha, id-drittijiet ta' pussess tagħha jew kwalunkwe titolu ekwivalenti li jagħtihom il-kontroll fuq l-art, u li ma jkunux impjegati minn xi kumpanija, ħliet għal kooperattiva li jkunu membri tagħha ma' bdiewa oħra b'azjenda agrikola żgħira, sakemm tali kooperattiva ma tkunx ikkontrollata minn xi parti terza;
- (10) "għelejjel tar-raba' permanenti" tfisser uċuħ tar-raba' li mhumiex taħt sistema ta' rotazzjoni ħliet bwar permanenti u merġhat permanenti li jokkupaw l-art għal ħames snin jew aktar u jagħtu hśad ripetut.

Artikolu 3

Kriterji għad-determinazzjoni tal-materja prima b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art li għaliha qed tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju

Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-materja prima b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art li għaliha qed tiġi osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju, għandhom japplikaw il-kriterji kumulattivi li ġejjin:

- (a) l-espansjoni medja annwali taż-żona tal-produzzjoni globali tal-materja prima mill-2008 hija ogħla minn 1 % u taffettwa aktar minn 100 000 ettaru;

(b) is-sehem ta' tali espansjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju huwa ogħla minn 10 %, skont il-formula li ġejja:

$$x_{hcs} = \frac{x_f + 2,6x_p}{PF}$$

fejn

x_{hcs} = sehem tal-espansjoni f'art b'ħażna kbira ta' karbonju;

x_f = sehem tal-espansjoni f'art imsemmija fl-Artikolu 29(4)(b) u (c) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

x_p = sehem tal-espansjoni f'art imsemmija fl-Artikolu 29(4)(a) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 inkluż it-torbieri;

PF = fattur tal-produttività.

PF għandu jkun 1,7 għall-qamħirrum, 2,5 għaż-żejt tal-palm, 3,2 għall-pitrava taz-zokkor, 2,2 għall-kannamiela u 1 għall-ghelejjejl l-oħra kollha.

L-applikazzjoni tal-kriterji fil-punti (a) u (b) ta' hawn fuq għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni inkluża fl-Anness, kif riveduta skont l-Artikolu 7.

Artikolu 4

Kriterji ġenerali għaċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art

1. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa jistgħu jiġu ċċertifikati biss bħala karburanti b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art jekk jiġu ssodisfati l-kriterji kollha li ġejjin:

- il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa jikkonformaw mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa ġew prodotti minn materja prima addizzjonali miksuba permezz ta' miżuri ta' addizzjonalità li jissodisfaw il-kriterji speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 5;
- l-evidenza meħtieġa biex tiġi identifikata l-materja prima addizzjonali u biex jiġu sostanzjati l-pretensjonijiet fir-rigward tal-produzzjoni ta' materja prima addizzjonali tinġabar kif xieraq u tiġi ddokumentata bir-reqqa mill-operaturi ekonomiċi rilevanti.

2. L-evidenza fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandha mill-inqas tinkludi informazzjoni dwar il-miżuri ta' addizzjonalità meħuda biex tiġi prodotta l-materja prima addizzjonali, iż-żoni delineati li fuqhom ġew applikati dawn il-miżuri u r-rendiment medju miksub mill-art fejn dawn il-miżuri ġew applikati matul il-perjodu ta' tliet snin immedjatament qabel is-sena meta ġiet applikata l-miżura ta' addizzjonalità.

Artikolu 5

Miżuri ta' addizzjonalità

1. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa jistgħu jiġu ċċertifikati biss bħala karburanti b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art jekk:

- il-miżuri ta' addizzjonalità biex tiġi prodotta l-materja prima addizzjonali jissodisfaw mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - isiru attraenti finanzjarjament jew ma jiffaċċjaw l-ebda ostaklu għall-implimentazzjoni tagħhom biss minħabba li l-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-materja prima addizzjonali jistgħu jgħoddu biex jintlaħqu l-miri tal-enerġija rinnovabbli skont id-Direttiva 2009/28/KE jew id-Direttiva (UE) 2018/2001;
 - jippermettu l-kultivazzjoni ta' ghelejjejl tal-ikel u tal-ġħalf fuq art abbandunata jew art deterjorata b'mod gravi;
 - huma applikati minn bdiewa b'azjenda agrikola żgħira;
- il-miżuri ta' addizzjonalità jittieħdu mhux aktar tard minn 10 snin qabel iċ-ċertifikazzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa bħala karburanti b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art.

*Artikolu 6***Rekwiżiti ta' awditjar u verifika għaċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art**

1. Għall-fini taċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art, l-operaturi ekonomiċi għandhom:
 - (a) jibagħtu informazzjoni affidabbli li tissostanzja l-pretensjonijiet tagħhom li r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 ikunu ġew issodisfati kif xieraq;
 - (b) jagħmlu arranġamenti għal standard adegwat ta' awditjar indipendenti tal-informazzjoni mressqa u għal livell adegwat ta' trasparenza li jirriflettu l-bżonn għall-iskrutinju pubbliku tal-approċċ tal-awditjar; u
 - (c) jipprovdu evidenza li l-awditi jsiru.
2. L-awditjar għandu jivverifika li l-informazzjoni ppreżentata mill-operaturi ekonomiċi tkun preċiża, affidabbli u mħarsa kontra l-frodi.
3. Sabiex jintwera li konsenja għandha titqies bħala bijokarburant, bijolikwidu jew karburant tal-bijomassa b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art, l-operaturi ekonomiċi għandhom jużaw is-sistema ta' bilanċ tal-massa stabbilita fl-Artikolu 30(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001. L-iskemi volontarji jistgħu jintużaw biex juru l-konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 4 sa 6 skont l-Artikolu 30 tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

*Artikolu 7***Monitoraġġ u rieżami**

Sat-30 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-aspetti rilevanti kollha tar-rapport, b'mod partikolari d-*data* dwar l-espansjoni tal-materja prima, kif ukoll l-evidenza dwar il-fatturi li jiġġustifikaw id-dispożizzjoni dwar il-bdiewa b'azjenda agrikola zġhira fl-Artikolu 5(1) u, jekk ikun xieraq, temenda dan ir-Regolament. Dan ir-rapport rivedut għandu jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u jsir il-bażi għall-applikazzjoni tal-kriterji stipulati fl-Artikolu 3.

Minn dakinhar 'il quddiem il-Kummissjoni għandha tirrieżamina d-*data* inkluża fir-rapport fid-dawl taċ-ċirkostanzi li jevolvu u tal-aħħar evidenza xjentifika disponibbli.

*Artikolu 8***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

	Espansjoni annwali medja taż-żona tal-produzzjoni (kha)	Espansjoni annwali medja taż-żona tal-produzzjoni mill-2008 (%)	Sehem tal-espansjoni fart imsemmija fl-Artikolu 29(4)(b) u (c) tad-Direttiva (UE) 2018/2001	Sehem tal-espansjoni fart imsemmija fl-Artikolu 29(4)(a) tad-Direttiva (UE) 2018/2001
Ċereali				
Qamħ	- 263,4	- 0,1 %	1 %	—
Qamħirrum	4 027,5	2,3 %	4 %	—
Għelejjel taz-zokkor				
Kannamiela	299,8	1,2 %	5 %	—
Pitrava taz-zokkor	39,1	0,9 %	0,1 %	—
Għelejjel taż-żejt				
Żerriegħa tal-lift	301,9	1,0 %	1 %	—
Żejt tal-palm	702,5	4,0 %	45 %	23 %
Fażola tas-sojja	3 183,5	3,0 %	8 %	—
Ġirasol	127,3	0,5 %	1 %	—

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/808**tal-20 ta' Mejju 2019****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2465/96 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jelenka korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji u persuni fiżiċi u ġuridiċi, korpi u entitajiet tal-gvern preċedenti tal-Iraq koperti mill-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi li kienu jinsabu barra mill-Iraq nhar it-22 ta' Mejju 2003 skont dak ir-Regolament.
- (2) Fl-14 ta' Mejju 2019, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi erba' annotazzjonijiet mil-lista ta' persuni jew entitajiet li l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi jenħtieġ li japplika għalihom.
- (3) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Mejju 2019.

*Għall-Kummissjoni,**F'isem il-President,**Il-Kap tas-Servizz għall-Istrumenti tal-Politika Barranija*

⁽¹⁾ ĠUL 169, 8.7.2003, p. 6.

ANNEX

Fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003, jiġihassru l-annotazzjonijiet li ġejjin:

- “25. DIRECTORATE-GENERAL OF BAGHDAD ELECTRICITY DISTRIBUTION. Indirizz: P.O. Box 24042, Al-Jumhuriya Street, Building 66, Bagdad, l-Iraq.”
 - “54. IDRISI CENTRE FOR ENGINEERING CONSULTANCY (ICEC). Indirizz: Museum Square, Karkh, P.O. Box 14077, Bagdad, l-Iraq.”
 - “90. NATIONAL CENTRE FOR ENGINEERING AND ARCHITECTURAL CONSULTANCY. Indirizz: Rashid Street, P.O. Box 11 387, Bagdad, l-Iraq.”
 - “135. STATE ENTERPRISE FOR FERTILISER INDUSTRIES. Indirizz: P.O. Box 74, Basrah, l-Iraq.”
-

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/809

tat-13 ta' Mejju 2019

li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Regġuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Spanjol,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ⁽¹⁾, (UE) 2015/190 ⁽²⁾ u (UE) 2015/994 ⁽³⁾ li jahtaru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Regġuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Fit-18 ta' Lulju 2016, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1203 ⁽⁴⁾, is-Sur Roger ALBINYANA i SAIGÍ għe sostitwit mis-Sur Amadeu ALTAFAJ i TARDIO bħala membru supplenti. Fit-8 ta' Ottubru 2018, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1502 ⁽⁵⁾, is-Sur Amadeu ALTAFAJ i TARDIO għe sostitwit mis-Sa Natàlia MAS GUIX bħala membru supplenti.
- (2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sa Natàlia MAS GUIX, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Regġuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Hija b'dan maħtura membru supplenti fil-Kumitat tar-Regġuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sa Mireia BORRELL POPORT, *Directora General de Relaciones Exteriores, Generalitat de Catalunya*.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Regġuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1203 tat-18 ta' Lulju 2016 li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Regġuni (ĠU L 198, 23.7.2016, p. 44).

⁽⁵⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1502 tat-8 ta' Ottubru 2018 li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Regġuni (ĠU L 254, 10.10.2018, p. 7).

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/810**tat-13 ta' Mejju 2019****li taħtar membru, propost mir-Renju tal-Iżvezja, fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Żvediż,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ⁽¹⁾, (UE) 2015/190 ⁽²⁾ u (UE) 2015/994 ⁽³⁾ li jahtaru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Fl-20 ta' Lulju 2015, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1203 ⁽⁴⁾, is-Sinjura Monalisa NORMANN ġiet sostitwita mis-Sur Joakim LARSSON bħala membru. Fit-30 ta' Novembru 2017, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2237 ⁽⁵⁾, is-Sur Joakim LARSSON ġie sostitwit mis-Sinjura Agneta GRANSTRÖM bħala membru.
- (2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sinjura Agneta GRANSTRÖM, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Hija b'dan maħtura membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sinjura Märta STENEVI, *Malmö kommun*.*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2019.

*Għall-Kunsill**Il-President*

F. MOGHERINI

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠUL 20, 27.1.2015, p. 42).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠUL 31, 7.2.2015, p. 25).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠUL 159, 25.6.2015, p. 70).

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1203 tal-20 ta' Lulju 2015 li taħtar tliet membri Żvediżi u sitt membri supplenti Żvediżi fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠUL 195, 23.7.2015, p. 44).

⁽⁵⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/2237 tat-30 ta' Novembru 2017 li taħtar żewġ membri, proposti mir-Renju tal-Iżvezja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠUL 320, 6.12.2017, p. 10).

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/811**tat-13 ta' Mejju 2019****li taħtar membru, propost mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Taljan,

Billi:

- (1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ⁽¹⁾, (UE) 2015/190 ⁽²⁾ u (UE) 2015/994 ⁽³⁾ li jahtaru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Fis-16 ta' Ottubru 2018, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1574 ⁽⁴⁾, is-Sur Luciano D'ALFONSO ġie sostitwit mis-Sur Giovanni LOLLI bħala membru.
- (2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Giovanni LOLLI, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huwa b'dan maħtur membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

— Is-Sur Marco MARSILIO, *Presidente della Regione Abruzzo*.*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2019.

*Għall-Kunsill**Il-President*

F. MOGHERINI

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1574 tas-16 ta' Ottubru 2018 li taħtar membru, propost mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 262, 19.10.2018, p. 60).

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/812**tal-14 ta' Mejju 2019**

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC), u l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini, u li tħassar id-Deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni, fl-IATTC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE ⁽¹⁾, l-Unjoni kkonkludiet il-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Costa Rica (il-"Konvenzjoni ta' Antigua") ⁽²⁾ li stabbiliet il-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC).
- (2) L-IATTC hija responsabbli mill-ġestjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua. L-IATTC tadotta miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni biex jiżgura l-konservazzjoni fit-tul u l-użu sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut koperti b'dik il-Konvenzjoni. Dawn il-miżuri jistgħu jsiru vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (3) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/938/KE ⁽³⁾, l-Unjoni approvat il-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini (AIDCP) ⁽⁴⁾, li stabbilixxa l-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP. L-Artikolu XIV tal-Konvenzjoni ta' Antigua jipprevedi li l-IATTC jkollha rwol integrali fil-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-AIDCP u fl-implimentazzjoni tal-miżuri li huma adottati fil-qafas tal-AIDCP. Is-Segretarjat tal-AIDCP huwa pprovdut mill-IATTC.
- (4) Il-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP hija l-korp stabbilit mill-AIDCP biex jippromwovi t-tnaqqis progressiv tal-mortalitajiet incidentalni tad-dniefel fis-sajd tat-tonn bit-tartarun tal-borża fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua għal livelli li jqarrbu lejn iż-żero. Il-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP tadotta deċiżjonijiet biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar assoċjati mas-sajd tat-tonn bit-tartarun tal-borża fiż-żona fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua. Dawn il-miżuri jistgħu jsiru vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾ jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attività tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u li jkunu ġestiti b'mod li huwa konsistenti mal-oġġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjieg, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Dan jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandu jkollha l-għan li tiżgura li l-isfruttar ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jirrestawra l-popolazzjoni tal-ispeċijiet mistada u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Dan jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tiegħu miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni bbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, tappoġġja l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, gradwalment telimina l-iskartar u tippromwovi metodi tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, għal sajd b'impatt baxx fuq l-ekosistema tal-baħar u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 speċifikament jipprevedi li daww l-oġġettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-tweġġ tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE tat-22 ta' Mejju 2006 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u r-Repubblika tal-Kosta Rika (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22).

⁽²⁾ ĠU L 224, 16.8.2006, p. 24.

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/938/KE tat-8 ta' Diċembru 2005 dwar l-approvazzjoni fisem il-Komunità Ewropea tal-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini (ĠU L 348, 30.12.2005, p. 26).

⁽⁴⁾ ĠU L 348, 30.12.2005, p. 28.

⁽⁵⁾ Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

- (6) Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea "Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna", u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-Komunikazzjoni konġunta, il-promozzjoni ta' miżuri li jappoġġjaw u jtejbu l-effettività tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u, fejn rilevanti, itejbu l-governanza tagħhom, hija ċentrali għall-azzjoni tal-Unjoni f'dawn il-fora.
- (7) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari", tirreferi għal miżuri speċifiċi biex jitnaqqas il-plastik u t-tniġġis tal-baħar, kif ukoll it-telf jew l-abbandun ta' rkaptu tas-sajd fil-baħar.
- (8) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-laqgħat tal-IATTC u tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP għall-perijodu 2019-2023, peress li l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar tal-IATTC u d-deċiżjonijiet tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni u jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 ⁽⁶⁾, (KE) Nru 1224/2009 ⁽⁷⁾, u r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾.
- (9) Attwalment, il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-laqgħat tal-IATTC hija stabbilita bid-Deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni, fl-IATTC. Huwa xieraq li dik id-Deċiżjoni titħassar u li tiġi sostitwita b'Deċiżjoni ġdida li tkun tkopri l-perijodu 2019-2023.
- (10) Fid-dawl tan-natura li qed tevolve tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua u l-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-iżviluppi l-ġodda, inkluż informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni rilevanti oħra ppreżentata qabel jew matul il-laqgħat tal-IATTC u l-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri, f'konformità mal-prinċipju tal-koooperazzjoni leali fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni minqux fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għall-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-perijodu 2019-2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC) u l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini (AIDCP) hija stabbilita fl-Anness I.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-IATTC u l-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP għandha titwettag f'konformità mal-Anness II.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, l-aktar tard, għal-laqgħa annwali tal-IATTC fl-2024.

⁽⁶⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jstabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

⁽⁷⁾ Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-politika komuni tas-sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

⁽⁸⁾ Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata fisem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC) hija b'dan imħassra.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Mejju 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

P. DAEA

ANNEX I

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC) u l-Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini (AIDCP)

1. PRINĊIPJI

Fil-qafas tal-IATTC u l-Laqgħa tal-Partijiet tal-AIDCP, l-Unjoni għandha:

- (a) taġixxi f'konformità mal-oġettivi u l-prinċipji tal-Unjoni fi ħdan il-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), b'mod partikolari permezz tal-approċċ prekawzjonarju u l-miri relatati mar-rendiment massimu sostenibbli kif stipulat fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, biex tkun promossa l-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, biex jiġu evitati jew jitnaqqsu kemm jista' jkun qabdiet mhux mixtieqa, u jiġi eliminat gradwalment il-qbid skartat, u biex jiġi minimizzat l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar u l-habitats tagħhom, kif ukoll, permezz tal-promozzjoni ta' sajd ekonomikament vijabbli u kompetittiv tal-Unjoni, biex ikun provdut livell tal-għajxien ġust għal dawk li jiddependu minn attivitajiet relatati mas-sajd u jitqiesu l-interessi tal-konsumaturi;
- (b) taħdem lejn involviment xieraq tal-partijiet ikkonċernati fil-fażi ta' preparazzjoni għal miżuri tal-IATTC u AIDCP u tiżgura li l-miżuri adottati fi ħdan l-IATTC u l-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP huma skont il-Konvenzjoni ta' Antigua u l-Ftehim AIDCP, rispettivament;
- (c) tiżgura li l-miżuri adottati fi ħdan l-IATTC u l-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP huma konsistenti mad-dritt internazzjonali, u partikolarment mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar tal-1982, mal-Ftehim tan-NU relatat mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transzonalni u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna tal-1995 u mal-Ftehim li jippromwovi l-konformità mal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ġestjoni mill-bastimenti tas-sajd fl-ibħra miftuħa tal-1993; u l-Ftehim dwar il-Miżuri tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u tal-Agricoltura tal-Istat tal-Port tal-2009;
- (d) tippromwovi pożizzjonijiet konsistenti mal-aħjar prattiki tal-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) fl-istess żona;
- (e) tfittex il-konsistenza u s-sinerġija mal-politika li l-Unjoni qed issegwi bħala parti mir-relazzjonijiet bilaterali tas-sajd tagħha ma' pajjiżi terzi, u tiżgura l-koerenza mal-politiki l-oħrajn tagħha b'mod partikolari fl-oqsma tar-relazzjonijiet esterni, l-impjieg, l-ambjent, il-kummerċ, l-iżvilupp, ir-riċerka u l-innovazzjoni;
- (f) tiżgura li l-impenni internazzjonali tal-Unjoni jiġu rispettati;
- (g) tkun konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾;
- (h) timmira li toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-flotta tal-Unjoni fi ħdan iż-żona tal-Konvenzjoni IATTC abbażi tal-istess prinċipji u standards bħal dawk applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni, u li tippromwovi l-implimentazzjoni uniformi ta' dawk il-prinċipji u l-istandards;
- (i) tkun konformi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ⁽²⁾ dwar il-Komunikazzjoni konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea dwar *Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna* ⁽³⁾ u tippromwovi miżuri biex jappoġġaw u jtejbu l-effettività tal-IATTC u l-AIDCP u, fejn rilevanti, itejbu l-governanza u l-prestazzjoni tagħha (b'mod partikolari dwar ix-xjenza, il-konformità, it-trasparenza u t-teħid ta' deċiżjonijiet) bħala kontribut għall-ġestjoni sostenibbli tal-oċeani fid-dimensjonijiet kollha tagħha;
- (j) tippromwovi, fejn xieraq, il-koordinazzjoni bejn l-RFMOs u l-konvenzjonijiet reġjonali tal-baħar (RSCs) u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet globali, kif applikabbli, skont il-mandati tagħhom;
- (k) tippromwovi l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni ma' RFMOs tat-tonn oħrajn dwar kwistjonijiet ta' interess komuni, b'mod partikolari permezz tar-riattivazzjoni tal-hekk imsejjaħ proċess Kobe għall-RFMOs tat-tonn u l-estensjoni tiegħu għall-RFMOs kollha.

⁽¹⁾ 7087/12 REV 1 ADD 1 COR 1.

⁽²⁾ 7348/1/17 REV 1 tal-24.3.2017.

⁽³⁾ JOIN(2016) 49 final tal-10.11.2016.

2. ORJENTAZZJONIJIET

L-Unjoni għandha, fejn xieraq, tagħmel ħilitha sabiex tappoġġja l-adozzjoni mill-IATTC u l-AIDCP tal-azzjonijiet li ġejjin:

- (a) miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli, inkluż il-Qabdiet Totali Permissibbli (TACs) u l-kwoti, jew ir-regolazzjoni tal-isforz għar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin li huma rregolati mill-IATTC, li jwasslu biex, sa mhux aktar tard mill-2020, tintlaħaq jew tinżamm ir-rata tal-isfruttament għar-rendiment massimu sostenibbli. Fejn meħtieġ, dawk il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għandhom jinkludu miżuri speċifiċi għall-istokkijiet li huma soġġetti għal sajd żejjed biex l-isforz tas-sajd jinżamm konformi mal-opportunitajiet ta' sajd disponibbli;
- (b) miżuri biex jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw attivitajiet tas-sajd illegali, mhux irrappurtati u mhux irregolati (IUU) fiż-żona tal-Konvenzjoni, inkluż l-elenkar tal-bastimenti IUU;
- (c) miżuri li jsaħħu l-ġbir ta' data xjentifika dwar is-sajd u li jippromwovu kooperazzjoni aħjar bejn l-industrija u x-xjentisti;
- (d) miżuri ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua, inkluż l-adozzjoni ta' Miżuri tal-Istat tal-port (PSM) u t-tisħiħ tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bastimenti (VMS) sabiex jiġu żgurati l-effiċjenza tal-kontroll u l-konformità mal-miżuri adottati fi ħdan l-IATTC;
- (e) miżuri biex jimminimizzaw l-impatt negattiv tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-bijodiversità tal-baħar u l-ekosistemi tal-baħar u l-habitats tagħhom, inklużi miżuri biex inaqqsu t-tniġġis tal-baħar u jipprevjenu r-rimi ta' plastik fil-baħar u jnaqqsu l-impatt tal-plastik preżenti fil-baħar fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar, miżuri protettivi għal ekosistemi tal-baħar sensitivi fiż-żona tal-Konvenzjoni ta' Antigua f'konformità mar-Riżoluzzjonijiet UNGA, u miżuri biex jiġu evitati u jitnaqqsu kemm jista' jkun il-qabdiet mhux mixtieqa, inkluż b'mod partikolari speċijiet tal-baħar vulnerabbli, u biex jiġi eliminat gradwalment il-qbid skartat;
- (f) miżuri sabiex jiġi ġestit l-użu ta' rkaptu biex jinġemal-ħut (FADs) b'mod partikolari sabiex jittejjeb il-ġbir tad-data, sabiex jiġi kwantifikat, traċċat u mmonitorjat b'mod preċiż l-użu tal-FADs, sabiex jitnaqqas l-impatt fuq stokkijiet tat-tonn vulnerabbli, sabiex jitnaqqsu l-effetti potenzjali tagħhom fuq speċijiet fil-mira u mhux fil-mira, kif ukoll fuq l-ekosistema;
- (g) miżuri sabiex jitnaqqas l-impatt ta' Rkaptu Abbandunat, Mitluf jew Inkella Skartat (ALDFG) fl-oċean u sabiex jiġu ffaċilitati l-identifikazzjoni u l-irkupru tat-tali rkaptu u jitnaqqas il-kontribut għall-materjal skartat fil-baħar;
- (h) miżuri li jsaħħu s-sistema ta' monitoraġġ tal-konformità fl-organizzazzjoni u jiżguraw li jkun hemm segwitu effettiv tal-azzjonijiet meħuda mill-istati tal-bandiera biex jindirizzaw kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità;
- (i) miżuri li l-għan tagħhom huwa li jipprojbixxu s-sajd imwettaq biss bl-iskop tal-ġbir ta' xewk tal-klieb il-baħar u, li jirrikjedu li l-klieb il-baħar kollha jitħattew l-art b'kull xewka mwaħħla magħhom b'mod naturali;
- (j) approċċi komuni ma' RFMOs oħra, fejn xieraq, b'mod partikolari dawk involuti fil-ġestjoni tas-sajd fl-istess żona;
- (k) miżuri tekniċi addizzjonali abbażi tal-parir mill-korpi u mill-gruppi ta' ħidma tal-IATTC u l-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP;
- (l) it-tnaqqis progressiv tal-mortalitajiet inkidentali tad-dniefel fis-sajd għat-tonn bit-tartarun tal-borża għal livelli li jqarribu lejn iż-żero u valutazzjonijiet regolari tal-popolazzjoni tad-dniefel;
- (m) rakkomandazzjonijiet, fejn xieraq u sal-limitu permess skont id-dokumenti kostitwenti rilevanti, li jħeġġu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO);
- (n) miżuri li jiżguraw l-effiċjenza tal-organizzazzjoni inkluż it-twettiq ta' analiżi regolari tal-prestazzjoni tal-organizzazzjoni.

ANNEX II

L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali u l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini

Qabel kull laqgħa tal-IATTC u l-Laqgħa tal-Partijiet tal-AIDCP, meta dawk il-korpi jintalbu jadottwa deċiżjonijiet li għandhom effetti legali fuq l-Unjoni, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa fisem l-Unjoni tqis l-aħħar informazzjoni xjentifika u informazzjoni oħra rilevanti mibgħuta lill-Kummissjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-orjentazzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

Għal dan il-għan, u abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Kunsill fi żmien suffiċjenti qabel kull laqgħa tal-IATTC u l-Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP, dokument bil-miktub li jistabbilixxi d-dettalji tal-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni tal-Unjoni għad-diskussjoni u l-approvazzjoni tad-dettalji tal-pożizzjoni li għandha tiġi espressa fisem l-Unjoni.

Jekk waqt laqgħa tal-IATTC jew Laqgħa tal-Partijiet għall-AIDCP, inkluż dik fuq il-post, ma jkunx jista' jintlaħaq qbil, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-elementi l-ġodda, il-kwistjoni għandha tkun referuta lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/813**tas-17 ta' Mejju 2019****dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fir-rigward tal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 ("il-Konvenzjoni") ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/88/KE ⁽¹⁾ u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1995. Il-Konvenzjoni ġiet konkluża għal perjodu ta' tliet snin.
- (2) Skont l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni, il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali jista' jestendi l-Konvenzjoni għal perjodi suċċessivi ta' mhux aktar minn sentejn kull darba. Mindu ġiet konkluża, il-Konvenzjoni ġiet estiża regolarment għal perjodi oħra ta' sentejn. Il-Konvenzjoni ġiet estiża l-aħħar permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fil-5 ta' Ġunju 2017 ⁽²⁾ u tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2019.
- (3) Matul id-49 sessjoni tiegħu, li se ssir fl-10 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali huwa mistenni jiddeċiedi dwar l-estensjoni tal-Konvenzjoni għal perjodu ieħor ta' mhux aktar minn sentejn mill-1 ta' Lulju 2019.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fid-49 sessjoni tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali, peress li huwa fl-interess tal-Unjoni li tiġi estiża l-Konvenzjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fid-49 sessjoni tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali għandha tkun li tivvota favur l-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 għal perjodu ieħor ta' mhux aktar minn sentejn mill-1 ta' Lulju 2019.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2019.

*Għall-Kunsill**Il-President*

E.O. TEODOROVICI

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill 96/88/KE tad-19 ta' Diċembru 1995 dwar l-approvazzjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali u l-Konvenzjoni dwar l-Għajjuna Alimentari, li jikkostitwixxu l-Ftehim Internazzjonali dwar iċ-Ċereali tal-1995 (ĠU L 21, 27.1.1996, p. 47).

⁽²⁾ Informazzjoni dwar l-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali (1995) (ĠU L 12, 17.1.2018, p. 1).

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/814**tas-17 ta' Mejju 2019****li tawtorizza lill-Italja tapplika, f'żoni ġeografiċi determinati, rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq il-gaġoġl u l-gass likwifikat miż-żejt użati għal skopijiet ta' tisħin f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bis-saħħa tal-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2003/96/KE, l-Italja kienet awtorizzata tapplika f'ċerti żoni ġeografiċi partikolarment żvantaġġati rati mnaqqsa tad-dazju tas-sisa fuq il-gaġoġl u l-gass likwifikat miż-żejt (LPG) użati għat-tisħin. L-aħħar awtorizzazzjoni nġhatat sal-31 ta' Diċembru 2018 permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/695/UE ⁽²⁾.
- (2) B'ittra ddatata 31 ta' Ottubru 2018, l-awtoritajiet Taljani talbu awtorizzazzjoni biex japplikaw, f'ċerti żoni ġeografiċi partikolarment żvantaġġati, rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq il-gaġoġl u l-LPG użati għal skopijiet ta' tisħin permezz ta' estensjoni tal-prattika segwita skont id-Deċiżjoni 2014/695/UE f'ċerti żoni, qabel ma dik id-Deċiżjoni tiskadi. L-awtoritajiet Taljani talbu l-awtorizzazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2024. Aktar taġħrif u kjarifiki ġew pprovduti mill-awtoritajiet Taljani fl-14 ta' Diċembru 2018.
- (3) L-Italja għandha territorju li jvarja haġna b'kundizzjonijiet klimatiċi u ġeografiċi varjabbli. L-Italja qieset il-partikolaritajiet tat-territorju tagħha u introduċiet rati mnaqqsa ta' tassazzjoni fuq il-gaġoġl u l-LPG bl-iskop li tpaċi parzjalment il-kostijiet sproporzjonatament għoljin tat-tisħin għar-residenti f'ċerti żoni ġeografiċi.
- (4) Id-differenzjazzjoni fit-taxxa hija bbażata fuq kriterji oġġettivi u għandha l-għan li tqiegħed il-popolazzjoni taż-żoni eliġibbli fuq bażi aktar komparabbli mal-bqija tal-popolazzjoni Taljana permezz tat-tnaqqis tal-kostijiet sproporzjonalment għoljin tat-tisħin tagħhom, li huma dovuti għal kundizzjonijiet klimatiċi severi jew diffikultajiet fl-akkwist tal-fjuwil meta mqabbel mal-bqija tat-territorju Taljan.
- (5) Ir-rati mnaqqsa ta' tassazzjoni huma applikabbli f'żoni ġeografiċi li jissodisfaw wieħed mill-kriterji li ġejjin: (a) l-aktar kundizzjonijiet klimatiċi severi fit-territorju Taljan, jiġifieri muniċipalitajiet li jaqgħu fiż-żona F kif definit fid-Digriet Presidenzjali Nru 412 tas-26 ta' Awwissu 1993 ⁽³⁾; (b) kundizzjonijiet klimatiċi severi flimkien ma' diffikultajiet fl-akkwist tal-fjuwil, jiġifieri muniċipalitajiet li jaqgħu fiż-żona E kif definit fid-digriet Presidenzjali Nru 412 tas-26 ta' Awwissu 1993; u (c) iżolament ġeografiku flimkien ma' akkwist tal-fjuwil għoli u diffiċli, jiġifieri l-gżira ta' Sardenja u l-gżejjer żgħar. Ir-rati mnaqqsa ta' tassazzjoni jenħtieġ li jiġu applikati biss sa meta jitlesta n-netwerk tal-gass naturali fil-muniċipalitajiet ikkonċernati.
- (6) Il-miżura mitluba ġiet rieżaminata mill-Kummissjoni u nstab li ma tikkawżax distorsjoni tal-kompetizzjoni u lanqas ittellef il-funzjonament tas-suq intern, u ma titqiesx inkompatibbli mal-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent, l-enerġija u t-trasport. Ir-rata mnaqqsa ta' tassazzjoni kemm għall-gaġoġl kif ukoll għal-LPG tibqa' ogħla mil-livelli minimi ta' tassazzjoni tal-UE stabbiliti fid-Direttiva 2003/96/KE u tkun ittaffi b'mod parzjali biss il-kostijiet addizzjonali għat-tisħin fiż-żoni ġeografiċi kkonċernati.

⁽¹⁾ ĠUL 283, 31.10.2003, p. 51.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/695/UE tad-29 ta' Settembru 2014 li tawtorizza lill-Italja sabiex tapplika, fiż-żoni ġeografiċi determinati, rati mnaqqsa ta' taxxa fuq il-gaġoġl u l-LPG użati għal skopijiet ta' tisħin f'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2003/96/KE (ĠUL 291, 7.10.2014, p. 16).

⁽³⁾ Id-Digriet Presidenzjali Nru 412 tas-26 ta' Awwissu 1993 jaqsam it-territorju Taljan f'sitt żoni klimatiċi (A sa F). Il-klassifikazzjoni hija bbażata fuq l-unità "gradi kull jum" li tirrappreżenta l-ammont ta' jiem kull sena meta t-temperatura ta' barra ma tkunx it-temperatura ottimali ta' 20 °C u b'hekk ikun meħtieġ it-tisħin.

- (7) Għalhekk jenħtieġ li l-Italja tkun awtorizzata, skont l-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2003/96/KE, tapplika, f'żoni ġeografiċi determinati, rati mnaqqa ta' tassazzjoni fuq il-gaġoġl u l-LPG użati għal skopijiet ta' tisħin sal-31 ta' Diċembru 2024. Skont dik id-dispożizzjoni, kull awtorizzazzjoni mogħtija skont dak l-Artikolu għandha tkun strettament limitata fiż-żmien.
- (8) Sabiex żoni ġeografiċi kkonċernati ikollhom livell suffiċjenti ta' ċertezza, jenħtieġ li l-awtorizzazzjoni tingħata għal perjodu ta' sitt snin. Madankollu, biex ma jiġux preġudikati żviluppi ġenerali futuri tal-qafas legali eżistenti, jixraq li jiġi stipulat li, jekk il-Kunsill, abbażi tal-Artikolu 113 tat-Trattat, jintroduċi sistema ġenerali modifikata għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija li għalihom ma tkunx tista' tiġi adattata din l-awtorizzazzjoni, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tiskadi fid-data meta jibdew japplikaw ir-regoli ta' dik is-sistema modifikata.
- (9) Sabiex jiġi żgurati li l-miżura tapplika mingħajr interruzzjoni fir-rigward tal-awtorizzazzjoni għall-applikazzjoni ta' rati mnaqqa tad-dazju tas-sisa mogħtija bid-Deċiżjoni 2014/695/UE, li skadiet fil-31 ta' Diċembru 2018, ikun xieraq li din id-Deċiżjoni tapplika mill-1 ta' Jannar 2019.
- (10) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Italja hija b'dan awtorizzata tapplika rati mnaqqa ta' tassazzjoni fuq il-gaġoġl u l-LPG użati għal skopijiet ta' tisħin fiż-żoni ġeografiċi żvantaġġati li ġejjin:
 - (a) il-muniċipalitajiet li jaqgħu fiż-żona klimatika F kif stabbilit bid-Digriet Presidenzjali Nru 412 tas-26 ta' Awwissu 1993;
 - (b) il-muniċipalitajiet li jaqgħu fiż-żona klimatika E kif stabbilit bid-Digriet Presidenzjali Nru 412 tas-26 ta' Awwissu 1993;
 - (c) il-muniċipalitajiet ta' Sardenja u l-gżejjer żgħar, jiġifieri l-gżejjer Taljani kollha ħlief Sqallija.
2. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe kumpens żejjed, it-tnaqqis ma għandux jeċċedi l-kostijiet addizzjonali tat-tisħin fiż-żoni kkonċernati. Fil-każ partikolari taż-żoni koperti bil-punt (c) tal-paragrafu 1, bħala konsegwenza, it-tnaqqis tat-taxxa ma għandux irendi l-prezz orħos mill-prezz tal-istess fjuwil fl-Italja kontinentali.
3. Ir-rata mnaqqa għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2003/96/KE, u b'mod partikolari mal-livelli minimi ta' tassazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 9 ta' dik id-Direttiva.

Artikolu 2

L-eliġibbiltà taż-żoni ġeografiċi msemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 1(1) għandha tkun subordinata għan-nuqqas ta' disponibbiltà tan-netwerk tal-gass naturali fil-muniċipalitajiet ikkonċernati.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2024.

Madankollu, jekk il-Kunsill, abbażi tal-Artikolu 113 tat-Trattat, jintroduċi sistema ġenerali modifikata għat-tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija li għalihom l-awtorizzazzjoni mogħtija skont l-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni ma tkunx ġiet adattata, din id-Deċiżjoni għandha tiskadi fis-data meta jibdew japplikaw ir-regoli ta' dik is-sistema modifikata.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Mejju 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
E.O. TEODOROVICI

RETTIFIKA

Rettifika tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Zoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 325 tal-12 ta' Diċembru 2003)

(Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Volum 41, p. 328)

1. Fil-paġna 328, il-premessa (6), l-aħħar frażi,

minflok: "...f'ċerta merħliet ta' tjur",

aqra: "...f'ċerti qatgħat ta' tjur";

2. Fil-paġna 329, il-premessa (9), l-ewwel sentenza,

minflok: "il-miżuri minimi li jikkonċernaw il-moniteragg u l-kontroll tas-salmonella f'merħliet li jiġu mrobbija ta' lispeċji *Gallus gallus* ..",

aqra: "Dawk il-miżuri minimi kienu ffukati fuq il-moniteragg u l-kontroll tas-salmonella f'qatgħat tat-trobbija tal-ispeċji *Gallus gallus*.";

3. Fil-paġna 330, il-premessa (28), it-tielet sentenza,

minflok: "Fejn tidħol il-produzzjoni ta' bajd tal-mejda, huwa importanti li jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi li jikkonċernaw il-pożizzjoni fuq is-suq ta' prodotti li joriġinaw minn merħliet li ġew ittestjati u li m'għandhomx salmonella.",

aqra: "Fir-rigward tal-produzzjoni ta' bajd tal-mejda, huwa importanti li jiġu stabbiliti miżuri speċifiċi li jikkonċernaw l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li joriġinaw minn qatgħat li ma ġewx ittestjati bħala li m'għandhomx salmonella.";

4. Fil-paġna 331, l-Artikolu 2, il-punt (b) fil-paragrafu 3,

minflok: "(b) 'merħla' tfisser kull tajr ta' l-istess stat ta' saħħa miżmum fuq il- post jew fl-istess post u li jagħmel unita epidemjoloġika waħda, fil-każ ta' tajr li jinżamm ġewwa, li jinkludi għasafar li jaqsmu l- istess arja.",

aqra: "(b) 'qatgħa' tfisser kull tajr tal-istess stat ta' saħħa miżmum fl-istess post u fl-istess għeluq u li jikkostitwixxi unita epidemjoloġika waħda; fil-każ ta' tajr li jinżamm ġewwa, dan jinkludi t-tjur kollha li jaqsmu l-istess arja.".

5. Fil-paġna 332, l-Artikolu 4(5), it-tieni subparagrafu, l-ewwel sentenza,

minflok: "Il-versall tal-komunità stabbilit għall-merħliet li jiġu mrobbija ta' *Gallus gallus*...",

aqra: "Il-mira tal-Komunità stabbilita għal qatgħat tat-trobbija ta' *Gallus gallus*...".

6. Fil-paġna 334, l-Artikolu 9(1), l-ewwel sentenza,

minflok: "Mill-informazzjoni msemmija fl-Anness 1, kolonna 5 l-aktar tard, merħliet u ġemgħat ta' oriġini ta' speċje mniżżla f'kolonna 2 għandhom ikunu testjati għall-aġenti żonożi u zonoṡi li qegħdin fil-lista f'kolonna 1 qabel kull tqassim ta' animali ħajjin, jew bajd qed ifaqqs, mill-post ta' kummerċ ta' oriġini.",

aqra: "Mid-dati msemmija fil-kolonna 5 tal-Anness 1, l-aktar tard, il-qatgħat u l-merħliet ta' oriġini ta' speċje elenkati fil-kolonna 2 għandhom jiġu ttestjati għall-aġenti żonożi u zonoṡi elenkati fil-kolonna 1 qabel kull tqassim ta' animali ħajjin, jew bajd li jfaqqsu, mill-post ta' negozju alimentari ta' oriġini.";

7. Fil-paġna 335, l-Artikolu 10(4), l-ewwel u t-tieni sentenzi,

minflok: “Merħliet u ġemgħat ta’ oriġini u speċie li hemm fil-lista fl-Anness 1 kolonna 2, għandhom jiġu testjati qabel kull tqassim ta’ annimali ħajjin jew bajd li jfaqqsu mill-post kummerċjali ta’ oriġini. Merħliet u ġemgħat għandhom ikunu testjati għall-aġenti żonożi u żonotiċi li hemm fil-lista ta’ l-Anness 1 kolonna C jew jekk neċessarju jiksbu l-għan ta’ garanziji ekwivalenti stabbiliti fil-paragrafu 1, aġenti żonożi u żonotiċi li jistgħu jkunu speċifikati fi ftehim mal-proċeduri li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 14(2).”,

aqra: “Il-qatgħat u l-merħliet ta’ oriġini ta’ speċie elenkati fil-kolonna 2 tal-Anness 1 għandhom jiġu ttestjati qabel kull tqassim ta’ annimali ħajjin jew ta’ bajd li jfaqqsu mill-post ta’ negozju alimentari ta’ oriġini. Il-qatgħat u l-merħliet għandhom jiġu ttestjati għall-aġenti żonożi u żonotiċi elenkati fil-kolonna 1 tal-Anness I, jew, jekk neċessarju biex jinkiseb l-għan tal-garanziji ekwivalenti stabbiliti fil-paragrafu 1, għal tali aġenti żonożi u żonotiċi li jistgħu jkunu speċifikati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 14(2).”;

8. Fil-paġna 340, fl-Anness II, fit-tabella tat-taqsim B, fit-tieni kolonna intitolata “2. Il-popolazzjoni ta’ l-annimali”,

(a) kull terminu “merħliet tat-trobbija” għandu jiġi sostitwit bit-terminu “qatgħat tat-trobbija”, u

(b) it-terminu “merħliet adulti tat-tniissil” għandu jiġi sostitwit bit-terminu “qatgħat adulti tat-tniissil”;

9. Fil-paġna 341, it-taqsim Ċ, il-punt 5,

minflok: “5. Meta l-bajd għat-tifsiq minn ġemgħat ta’ tjur li fihom tkun ġiet ikkonfermata l-eżistenza tas-*Salmonella enteritidis* jew tas-*Salmonella typhimurium* ikun għadu preżenti fil-mafqas, irid jiġi meqrud jew ittrattat skond id-Direttiva 1774/2002/KEE.”,

aqra: “5. Fejn ikunu għandhom preżenti f’mafqas bajd għat-tifsiq minn qatgħat ta’ tjur li fihom hemm preżenti s-*Salmonella enteritidis* jew is-*Salmonella typhimurium*, dawn għandhom jiġu meqruda jew trattati skond ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002.”.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT